MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 304/2012

**A B**

**vs**

**C B sive B D**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. “Illi l-kontendenti zzewwgu fis-16 ta’ Awissu 1996 u miz-zwieg taghhom twieldu tewmin ossia Angelo u James fit-18 ta Jannar 1997;

2. Illi huma ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' sentenza datata 8 ta Gunju 2011 tal-Qorti Civili Sezzjoni Familja ppresjeduta mill-Imhallef Noel Cuschieri [Rik. Nru. 85/03NC];

3. Illi skond l-imsemmija sentenza l-attur gie ordnat jissomministra s-somma mensili ta’ mitejn u tmenin ewro (€280) bhala manteniment ghaz-zewg uliedhom minuri u s-somma mensili ta ' mija u erbghin ewro (€140) bhala manteniment ghal martu;

4. Illi l-qaghda finanzjarja ta l-attur tbiddlet radikalment b'tali mod li 1-istess attur huwa finanzjarjament indigenti u jinsab fl-impossibilita li jhallas daqstant manteniment;

5. Illi l-introjtu tar-rikorrenti naqas konsiderevolment tant li sabiex ilahhaq mal-manteniment dovut minnu versu martu u wliedu huwa kellu jissellef minghand hutu u dan kif sejjer jigi ppruvat ulterjorment waqt is-smiegh tal-kawza;

6. Illi di piu' skond informazzjoni li kiseb ricentament r-rikorrenti, martu ilha f'relazzjoni stabbli mas-sieheb taghha tant li sahansitra tirrisjedi mieghu fil-propjeta taghha ghal dawn l-ahhar snin;

7. Illi l-konvenuta rrifjutat li taghraf dawn ic-cirkustanzi li kien qieghed isib ruhhu fihom l-attur u baqghet tinsisti ghall-hlas tal-manteniment fl-intier tieghu;

8. Illi tant hu hekk li r-rikorrenti ttenta darbtejn proceduri ta’ medjazzjoni ai termini ta l-Avviz Legali 397 ta 1-2003, darba permezz ta ittra pprezentata fit-18 ta ' Lulju 2011 (Ittra Nru 870/11) u darb'ohra permezz ta ' ittra pprezentata fis-6 ta Gunju 2012 (Ittra Nru 693/12) fejn il-mittenti talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tvarja u tnaqqas il-manteniment dovut minnu;

9. Illi kif jidher mill-istess noti tal-medjatrici Erica Cutugno specjalment fin-nota datata 18 ta Ottubru 2011 fejn gie spjegat specifikament f'dan is-sens, l-process tal-medjazzjoni kellu jinghalaq stante li 1-konvenuta ma attendiet ghall-ebda seduta tal-medjazzjoni;

10. Illi kien ghalhekk illi permezz tad-digrieti numri 1885/11 u 1891/12 bid-dati rispettivi taghhom 20 ta 'Ottubru 2011 u 25 ta' Ottubru 2012, din l-Onorabbli Qorti ddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-attur jipprocedi b'kawza;

11. Illi ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza u kienet proprju l-qaghda finanzjarja tieghu li ma hallitux jipprocedi qabel bil-kawza odjerna;

12. Illi dawn il-fatti kollha, r-rikorrenti jafhom huwa personalment;

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara li hemm ragunijiet validi min-naha ta' l-attur, li jiggustifikaw is-sospensjoni, tnaqqis jew varjazzjoni tal-manteniment moghti lill-konvenuta kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedha minuri;

2. Tissospendi, tnaqqas jew tvarja l-ghoti tal-manteniment lill-konvenuta kemm ghaliha kif ukoll ghall-uliedha minuri skond dik is-somma li fl-opinjoni ta din l-Onorabbli Qorti tkun gusta u opportuna;

3. Tordna illi c-cessjoni jew varjazzjoni ta' l-obbligu ta' l-attur li jissomministra l-manteniment fis-somma mensili ta mija u erbghin ewro (€140) versu martu ai termini tas-sentenza msemmija ghandha topera retrospettivament mid-data li fiha l-konvenuta bdiet tghix mas-sieheb taghha fir-residenza taghha.

Bl-ispejjez legali kontra l-konvenut li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B sive B D li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament, l-eccipjenti tirrileva li jezistu ragunijiet ghall-astensjoni ta' l-Onorevoli Mhallef sedenti dina l-Onorabbli Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 734(1)(f) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni ta' l-attur hija nulla u rritwali billi ma gietx preceduta minn digriet ta' awtorizzazzjoni ai termini ta' l-Avviz Legali 397/2003, u dan sa fejn l-istess azzjoni hija mibnija fuq l-allegata konvivenza ta' l-eccipjenti ma' terz.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni ta' l-attur tista' biss tigi kkunsidrata abbazi ta' fatti li huma soppravvenjenti ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Gunju 2011, u fin-nuqqas tal-prova ta' dawn il-fatti soppravvenjenti, ghall-azzjoni attrici hemm l-ostakolu ta' res judicata.

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess, sa fejn l-azzjoni attrici hija mibnija fuq l-allegata konvivenza ta' l-eccipjenti ma' terz, tali azzjoni hija irritwali u inattendibbli billi l-attur naqas milli jressaq it-talbiet appoziti kif ormai stabbilit mil-ligi u mill-gurisprudenza;

5. Illi bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi ma hemm l-ebda gustifikazzjoni ghal riduzzjoni jew varjazzjoni tal-manteniment, u lanqas ma hemm gustifikazzjoni ghall-waqfien tal-manteniment.

6. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi l-eccipjenti ma hijiex tikkonvivi ma' ragel iehor.

7. Illi bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, billi l-eccipjenti mghandhiex mezzi biex tipprovdi ghall-ghixien taghha u ta' ulied il-kontendenti, u kien ghalhekk li l-attur gie ordnat ihallas manteniment ghaliha u ghal uliedhom.

8. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija wanda frivola, vessatorja u temerarja, u tikkostitwixxi biss tentattiv biex l-attur jevadi l-obbligi tieghu versu martu u uliedu kif stabbiliti permezz tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Gunju 2011.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

B. Dikjarazzjoni tal-Fatti

1. Illi l-fatti dikjarati fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet paragrafi tar-rikors mahluf ta' l-attur mhux kontestati.

2. Illi l-fatti dikjarati fir-raba' u fil-hames paragrafu tar-rikors mahluf ta' l-attur huma kontestati, billi l-attur huwa kapaci li jahdem u li jipprovdi l-manteniment ghall-martu u ghal

uliedu, kif deciz mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza taghha tat-8 ta' Gunju 2011, u kif se jirrizulta waqt is-smiegh ta' din il-kawza.

3. Illi l-fatti dikjarati fis-sitt paragrafu tar-rikors mahluf ta' l-attur huma kontestati.

4. Illi l-fatti dikjarati fis-seba', fit-tmien, fid-disa', fl-ghaxar u fil-hdax-il paragrafu tar-rikors mahluf ta' l-attur huma kontestati, in kwantu l-esponenti naqset milli taghraf u taccetta l-pretensjonijiet ta' l-attur stante li l-istess pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

5. Illi ma jezistux ragunijiet li jiggustifikaw varjazzjoni fir-retta alimentari li l-attur gie ordnat ihallas mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fis-sentenza taghha tat-8 ta' Gunju 2011.

6. Illi l-esponenti taf bil-fatti suesposti personalment."

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta moghti fit-23 ta' Mejju 2013 li permezz tieghu l-Imhallef sedenti astjeniet milli tkompli tisma' l-kawza odjerna ai termini tal-Artikolu 734 (1) (f) tal-Kap. 12. u ghalhekk il-mertu tal-ewwel eccezzjoni gie ezawrit.

Rat id-digriet moghti mis-S.T.O. Prim' Imhallef fit-30 ta' Mejju 2013 li permezz tieghu il-kawza odjerna giet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Gunju 2013 li permezz tieghu din il-Qorti kif issa preseduta appuntat il-kawza mill-gdid ghas-smiegh ghas-seduta tad-9 ta' Lulju 2013.

Rat is-sentenza taghha moghtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Jannar 2014 dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta li fil-parti dispozittiva taghha taqra kif gej:-

"Ghal dawn il-motivi tiddisponi mit-tieni eccezzjoni tal-konvenuta billi tiddikjara illi kien mehtieg li l-kawza odjerna tkun preceduta minn procedura ta' medjazzjoni specifikatament fuq l-allegazzjoni tal-attur li l-konvenuta ikkommettiet adulterju u li minhabba f'hekk qed jitlob it-terminazzjoni tal-manteniment.

Ghaldaqstant tissospendi l-proceduri odjerni; tordna lill-attur sabiex fi zmien ghaxart (10) ijiem millum jistitwixxi l-proceduri ta' medjazzjoni fir-rigward tat-talbiet attrici,

Tordna l-prosegwiment tal-kawza wara li l-proceduri ta' medjazzjoni jkunu intemmu..

Spejjez ta' din is-sentenza *in parte* a kariku tal-attur."

Rat illi sussegwentement giet nominata l-Medjatrici tal-Familja Erica Cutugno illi zammet seduti ta' medjazzjoni pero' fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2014 il-Qorti giet informata illi l-partijiet ma kienux lahqu ftehim u ghalhekk il-konvenuta talbet li tinghata sentenza din id-darba dwar ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-konvenuta fit-3 ta' Gunju 2014.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-attur fid-29 ta' Lulju 2014.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuta.

Ikkunsidrat.

Permezz tar-**raba' eccezzjoni** taghha l-konvenuta eccepiet:

"***Illi bla pregudizzju ghall-premess, sa fejn l-azzjoni attrici hija mibnija fuq l-allegata konvivenza ta' l-eccipjenti ma' terz, tali azzjoni hija irritwali u inattendibbli billi l-attur naqas milli jressaq it-talbiet appoziti kif ormai stabbilit mil-ligi u mill-gurisprudenza***."

Permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-konvenuta taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

"(1) Illi huwa risaput li l-adulterju da parti ta' konjugu jista', fic-cirkostanzi kongruwi u opportuni, tiswa sabiex il-parti adultera tiddekadi mid-drittijiet taghha ghall-percepiment ta' l-alimenti mill-konjugu l-iehor. Huwa tant iehor risaput li tali dekadenza ma tigix eskluza bil-fatt li 1-konjugi jkunu diga' legalment separati. Fil-fatt huwa pacifiku fil-gurisprudenza li "ebda ostakolu ma jista' jkun hemm ghal domanda ta' separazzjoni bejn l-istess kontendenti fuq fatt posterjuri" (Anthony Blackman vs. Mathilde Blackman, Prim'Awla, 24/3/1954).

Illi ghandu jkun punt pacifiku li l-attur f'din il-kawza qieghed fil-fatt jibbaza l-pretensjoni tieghu li huwa jigi mehlus mill-obbligu tal-hlas tal-manteniment versu martu l-konvenuta stante d-dekadenza taghha, tant li tinsab premessa fir-rikors mahluf allegazzjoni dwar 1-adulterju ta' l-istess konvenuta, kif ukoll hemm talba appozita li fiha qed tintalab dikjarazzjoni li l-obbligu ta' l-attur li jhallas il-manteniment lill-martu intemm b'effett retroattiv. Effett retroattiv li jista' biss jinghata sahha in virtu' ta' l-impozizzjoni tad-dekadenza komminata mill-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (ara t-thaddim ta' dan il-principju fil-kawza Maria Stella Abela vs. Nazzareno sive Reno Abela, Appell, 28/9/2012).

Illi galadarba l-attur qed jibbaza l-pretensjoni tieghu fuq l-allegata dekadenza tal-konvenuta mid-drittijiet konjugali taghha, jikkonsegwi li l-attur kellu ta' bilfors imexxi fil-konfront tal-konvenuta b'kawza li permezz taghha jitlob qabel xejn is-separazzjoni persona li fuq il-mottiv ta' l-adulterju addebitat minnu lill-kontroparti. In-nuqqas ta' l-attur li jiddeduci l-azzjoni kif premess iwassal ghall-konsegwenza legali li f'din il-kawza ma tistax tigi venti lata l-ebda pretensjoni mibnija fuq l-allegata dekadenza tal-konvenuta.

Dwar il-premess hemm gurisprudenza kopjuza, Fil-kawza Blackman utrinque (supra citata), jinghad li, "L-attur ma setax jitlob id-dekadenza tal-konvenuta mid-dritt ta' l-alimenti minghajr ma jaghmel qabel kawza ta' separazzjoni personali fuq il-kawzali ta' adulterju. Kif intqal f'dik is-sentenza xejn ma jiswa illi l-kontendenti jinsabu separati, ghaliex dik is-separazzjoni tifforma stat bejniethom fuq il-fatt li ddeterminatha ... ". Fl-istess sens, inghad li, "Ir-ragel li jkun mifrud minn martu ma jistax jippretendi d-dekadenza ta' martu mid-dritt ghall-alimenti taghha kontra tieghu minghajr ma jaghmel qabel kawza ta' separazzjoni personali fuq kawzali ta' adulterju, li kienet eskluza fil-motivi ta' separazzjoni u ssopravveniet wara" (Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici noe vs. Dr. Hugh McKibbin, Prim'Awla, 16/11/1965). Din il-gurisprudenza giet Citata b'approvazzjoni fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Francis Bugelli vs. Josephine Borg ga' Bugelli (26/3/1996).

Anke ricentement, din l-istess gurisprudenza giet riaffermata - "Illi rigward l-ewwel talba attrici, il-Qorti tosserva li din it-talba hija necessarjament preordinata ghat-talba ghad-dekadenza mid-dritt tal-konvenuta li tkompli tircievi manteniment, u kif abbraccjat mill-gurisprudenza, ma timminax l-azzjoni ta' dekadenza, anzi hija meqjusa bhala talba necessarja sabiex jigi applikat l-artikolu 48 tal-Kap. 16" (Avukat Dottor Franco Vassallo noe vs. CD gja B (Citazz.216/2010 NC), Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja, 23/6/2011).

Isegwi mill-premess li l-attur ma jistax jivvanta pretensjonijiet f'din il-kawza li huma mibnija fuq adulterju u li huma diretti ghall-otteniment ta' effetti dekadenzjali fil-konfront tal-konvenuta, u dan proprju ghaliex huwa ma ressaqx taiba ghal dikarazzjoni li hemm lok ghall-firda personali fuq il-fatt ta' l-adulterju.”

L-attur ressaq in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva tieghu:-

“L- esponenti jirrileva illi l-punt legali ghandu jikkombacja fi kwalunkwe mod mar-realta' fattwali u ghalhekk bid-dovut rispett l-esponenti jissottometti li la huma bhala koppja kienu diga' sseparaw legalment permezz tas-sentenza citata, m'hemmx ghalfejn tigi ppronunzjata separazzjoni ulterjuri. Attwalment l-htija tal-firda taghhom giet ppronunzjata fis-sentenza citata u l-adulterju min-naha tal-konvenuta wara s-separazzjoni taghhom ma kienx il-kawza tas-separazzjoni taghhom. L-adulterju min-naha tal-konvenuta jammonta biss ghal cirkustanzi sopravenuti ghall-imsernmija sentenza u fl-umli fehma ta' l-esponenti m 'hemmx

il-htiega li tigi ppronunzjata separazzjoni legali ulterjuri sabiex tkun tista' tiddekadi ai termini ta' l-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

Illi hawnhekk ta' min isemmi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Joseph B vs. Marlene B [Appell Civili Numru.7/200711 deciza fit-3 ta' Frar 2012] fejn minkejja li t-talbiet attrici ma kienux jikkontjenu ebda talba ghal separazzjoni ulterjuri, l-Qorti ta' l-Appell xorta wahda hasset li kellha tordna d-dekadenza tal-konvenuta mid-drittijiet taghha ta' manteniment stante l-adulterju taghha. Issa jekk wiehed jargumenta li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell waslet ghal tali decizjoni a bazi tal-kuntratt ta' separazzjoni personali li l-partijiet kontendenti kienu ffirmaw bejniethom, allura wiehed jista' jargumenta li t-talba espressa ghal separazzjoni ulterjuri li tifforma stat bejn il-kontendenti fuq il-fatt ta' l-adulterju min-naha tal-konvenuta mhux proceduralment indispensabbli".

Ikkunsidrat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

Il-konvenut sejjes il-kawza minnu intavolata primarjament fuq zewg kawzali distini: (1) illi mis-sentenza tas-separazzjoni tat-8 ta' Gunju 2011 'il hawn il-qaghda finanzjarja tieghu tbiddlet radikalment b'dan li llum jinsab fl-impossibilta' li jhallas "daqstant manteniment" peress li l-introjtu tieghu "naqas konsiderevolment" u (2) illi martu ilha f'relazzjoni stabbli mas-sieheb taghha tant li sahansitra tirrisjedi mieghu fil-proprjeta' taghha ghal dawn l-ahhar snin.

Permezz tal-prezenti l-Qorti ser taghti decizzjoni fir-rigward tar-raba' eccezzjoni tal-konvenuta. Il-posizzjoni tal-konvenuta fir-rigward hi illi una volta l-partijiet huma separati legalment in forza ta' sentenza ta' din il-Qorti moghtija fit-8 ta' Gunju 2011, mhux mehtieg li ssir talba mill-gdid ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali sabiex il-Qorti tiehu konjizzjoni tat-talba tal-attur ghas-sospensjoni tal-manteniment pagabbli lill-konvenuta in forza tas-sentenza precitata minhabba allegat adulterju.

L-abbli Avukati tal-partijiet esponew b'mod car il-posizzjonijiet opposti rispettivi tal-patrocinati taghhom fir-rigward.

Il-konvenut jistrieh fuq gurisprudenza li b'mod kostanti tmur lura madwar hamsin sena fis-sens illi una volta is-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Gunju 2011 kienet ippronunzjat is-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-attur, konvenut f'dik il-kawza, allura sabiex il-Qorti issa fil-kawza odjerna tiddikjara li l-konvenuta issa iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment minghand zewgha jehtieg ad validitatem li it-talba tad-dekadenza mid-dritt li tippercepixxi manteniment ghandha per forza tkun preceduta minn talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja dwar separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba l-allegat adulterju.

Kif rajna, l-attur iccita sentenza moghtija fit-3 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Joseph B vs Marlene B** u sostniet illi mhux minnu li sabiex il-Qorti tordna l-waqfien tal-hlas

ta' manteniment pagabbli in segwitu ghal sentenza jehtieg talba mill-gdid ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali.

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza tat-8 ta' Gunju 2011 moghtija fil-kawza tas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijet il-Qorti kienet iddikjarat is-separazzjoni tal-partijiet u akkollat ir-responsabbilta' ghat-tkissir taz-zwieg taghhom unikament fuq il-konvenut, attur fil-kawza odjerna. Jinghad hekk fis-sentenza "**C B vs A B**":-

*"Illi mill-provi jirizulta li l-partijiet izzewwgu fis-16 ta' Awissu 1996, meta allura l-konvenuta kellha erba' xhur tqala, u huma kellhom 21 sena. Fit-18 ta' Jannar 1997 twieldu t-tewmin G u S, li llum ghandhom 14-il sena.*

*Illi f' Mejju 1999 l-attur dahal f' relazzjoni adulteruza ma' certu K Pace. Din ir-relazzjoni kienet il-kagun tat-tkissir taz-zwieg odjern. Il-Qorti hija tal-fehema li mill-provi jirrizulta car u manifest li l-hajja konjugali m' ghadiex aktar possibbli bejn il-partijiet, unikament tort tal-attur, liema tort jinkwadra fit-termini ta' l-artikolu 38 ta' l-imsemmi Kap. Dan jattira fil-konfront tieghu d-dispost ta' l-artikolu 48."*

Irid jinghad illi l-unika sentenza li l-attur iccita in sostenn tat-tezi tieghu illi ghal dikjazzjoni gudizzjarja dwar dekadenza minhabba allegat adulterju mhux mehtieg talba anterjuri ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali minhabba adulterju, hija s-sentenza B *Utrinque*. Ghall-finijiet tas-sentenza odjerna jinghad biss illi s-sentenza citata mill-attur tirrigwarda separazzjoni konsenswali fejn il-partijiet kienu stipulaw fil-kuntratt illi l-manteniment hemm pattwit kien jitwaqqaf jekk il-mara tikkommetti adulterju. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti is-sentenza citata mill-attur ma hiex applikabbli ghall-kaz in dizamina fejn is-separazzjoni personali tal-partijiet giet pronunzjata b'sentenza tal-Qorti fuq il-motiv illi kien esklussivament ir-ragel li jahti ghat-tkissir taz-zwieg.

Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-gurisprudenza solida citata mill-konvenuta. Is-sottomissjoni tal-konvenuta illi separazzjoni personali bejn konjugi tista' tigi pronunzjata darba biss, mad-daqqa t'ghajn tidher li hi bazata fuq konsiderazzjoni logika u gusta li ma timmeritax li tigi skartata. Pero', ghalkemm tali sottomissjoni tidher li ghandha minn dak li hu logiku u gust, tfalli l-ezami taht il-lenti prettament legali. Tenut kont li s-separazzjoni tal-partijiet f'din il-kawza giet pronunzjata unikament fuq il-kawzali illi ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament ir-ragel bil-konsegwenza li gie kkundannat ihallas lill-martu manteniment vita durante, isegwi illi sabiex tali dritt ghall-manteniment mill-mara kontra zewgha jigi revokat jehtieg li jigi issa stabbilit illi posterjorment ghas-sentenza imsemmija il-mara kisret wiehed jew aktar mill-obbligi taghha naxxenti mill-vinkolu matrimonjali li jwassal ghat-telfien tad-dritt li tippercepixxi manteniment minghand zewgha.

Sa issa il-gurisprudenza nostrana hi fis-sens illi l-obbligu tal-fedelta' matrimonjali jibqa' jippersisti anke wara l-pronunzjament gudizzjarju dwar separazzjoni personali. Il-fattispecie tal-kaz odjern ma jipprovdux elementi innovativi li jwasslu lil din il-Qorti tiddipartixxi mil-linja sa issa segwita mill-Qrati taghna. Jista' jkun li l-posizzjoni tkun diversa f'kazijiet fejn wara s-sentenza ta' separazzjoni personali iz-zwieg gie annullat jew mahlul b'sentenza ta' divorzju fejn allura l-vinkolu tal-fedelta' jigi tronkat b'mod permanenti. Cirkostanzi li pero' ma avverawx ruhhom fil-kawza odjerna.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-konvenuta u tiddikjara illi sa fejn l-azzjoni attrici hi mibnija fuq l-allegata konvivenza tal-konvenuta ma' terz, tali azzjoni hi irritwali u inattendibbli billi l-attur naqas milli jressaq talba ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali minhabba l-allegat adulterju tal-konvenuta.

Ghaldaqstant tordna li l-kawza ma tkompliex tigi trattata fir-rigward ta' kawzali numru sitta (6) fir-rikors guramentat u tordna li l-kawza tkompli tigi trattata fir-rigward tal-kawzali l-ohra.

Bl-ispejjez ta' din is-sentenza jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------